**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1189/00JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Carmel Farrugia**

**vs**

**Paul Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 t'Awissu 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm188.69), danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-21 ta' Gunju 1998,**

**gewwa Cross Road, Marsa, bejn il-bus bin-numru ta' registrazzjoni FBY 710 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru AAJ 125 misjuqa minn Michael Farrugia u proprjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici Carmel Farrugia, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 1999, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax minn din id-data, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Frar, 2001, fejn intqal illi l-ammont mhux dovut stante illi l-incident gara b'tort uniku ta' Carmel Farrugia fejn il-konvenut gie mkaxkar minn wara. Kien l-attur li laqat lill-konvenut meta l-konvenut kien gej mill-Belt u qed idur mas-"central strip" li hemm il-Marsa hdejn is-salib u l-attur dar mar-"roundabout" u dahal fil-konvenut. Il-konvenut kien fuq is-side tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Farrugia, Paul Sant u PS489 George Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Gunju, 1998, fi Cross Road, Marsa, bejn il-vettura AAJ-125 misjuqa mill-attur u x-xarabank numru FBY-710 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Mill-provi mismumgha u mir-road accident report esebit jirrizulta li l-attur garrab danni fuq il-"mudguard" ta' quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu danni fuq il-pjanca ta' wara in-naha tal-lemin. L-attur qed jghid li kellu wkoll xi danni fil-bieba ta' quddiem, pero` dawn ma gewx riskontrati fir-road accident report.**

**3. Jirrizulta wkoll li l-attur halla brake marks tul erba' metri qabel ma habat.**

**4. Jirrizulta wkoll li l-incident gara hekk kif iz-zewg vetturi kienu qed iduru mar-"roundabout" li tinsab fi Cross Road, Marsa. L-attur kien miexi fil-karreggjata tieghu, filwaqt li tax-xarabank kien fuq gewwa u miexi biswit l-attur. Gara li l-konvenut ried jikser biex jibqa' sejjer ghall-"bus bay" li hemm f'dak il-post. Biex jaghmel din il-manuvra huwa qasam ghad-dritt, b'mod li l-parti ta' wara tax-xarabank invadiet il-karregjata ta' l-attur. Jidher li l-attur malli intebah b'dan zamm "brake" pero` xorta habat fix-xarabank.**

**5. It-Tribunal hu tal-fehma li tax-Xarabank messu qaghad aktar attent gjaladarba jaf li ta' bilfors ikollu jinvadi xi ftit il-karreggjata l-ohra biex jaqsam, u dana minhabba n-natura tat-triq f'dik il-lokalita`. Da parti tieghu l-attur, li anke mid-danni kif riportati, jirrizulta li kien miexi hdejn il-parti ta' wara tax-xarabank, messu mmodera fil-velocita`.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal hu tal-fehma li kull wiehed ghandu jbati ugwalment id-danni sopportati. Ma kienx hemm kontro-talba mill-konvenut. L-unika danni li jirrizultaw huma dawk fl-ammont ta' mija tlieta u tmenin lira Maltija erbgha u erbghin centezmu (Lm183.44) li sofra l-attur. Il-konvenut fic-cirkostanzi ghandi jhallas nofs dawn id-danni fis-somma ta' wiehed u disghin lira Maltija tnejn u sebghin centezmu (Lm91.72) bl-imghax legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**